Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.
### ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Numru 1202/2011

Il-Pulizija
(Spettur Kevin J Farrugia)

vs

Alfred Mc Kay

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 520875M, akkuzat talli f'Jannar 2010 u fil-gimghat ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew

sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ aktar minn 232.94 Ewro izda mhux aktar minn 2,329.37 Ewro ghad-dannu ta’ Elton Buhagiar li ghandu karta tal-identita’ numru 56483M.

Il-Qorti mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ l-ispejjes li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat tiddikjarah u ssibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Rat l-Artikolu 18, 308, 310(a) tal-Kap 9.

Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien tlett snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Rat l-Artikolu 24 tac-citat Kap 446 u tikkundannah ihallas lil Elton Buhagiar is-somma ta’ 700 Ewro zmien mhux oltre xaghrejn mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------